**85. L-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. David Agius u l-Onor. Frederick Azzopardi, f'isem l-Oppożizzjoni, jipproponu:**

**Mozzjoni sabiex l-art fiż-Żonqor fil-limiti ta' Marsaskala ma tibqax aktar f'idejn il-kumpanija Sadeen Education Investment Limited**

Billi f'Diċembru 20l5 il-Kamra tad-Deputati permezz ta' riżoluzzjoni speċjali approvat it-trasferiment ta' art fiż-Żonqor fil-limiti ta' Marsaskala b'enfitewsi lill-kumpanija Sadeen Education Investment Limited sabiex fuqha tinbena l-hekk imsejħa American University of Malta;

Billi l-kumpanija Sadeen Education Investment Limited obbligat ruħha li jkollha mal-4,000 student jattendu l-hekk imsejħa American University of Malta;

Billi jirriżulta li l-hekk imsejħa American University of Malta għandha biss l5-il student jattendu korsijiet organizzati minnha u qed issib diffikultajiet kbar biex tattira studenti oħra li jkunu lesti jsegwu xi wieħed mill-korsijiet offruti minnha tant li saħansitra keċċiet ħaddiema akkademiċi u amministrattivi mill-impjieg magħha kif ukoll naqset bin-nofs il-miri tagħha dwar in-numru ta' studenti;

Billi jirriżulta wkoll b'mod ċar u inekwivoku li l-art fiż-Żonqor fil-limiti ta' Marsaskala mhix meħtieġa mill-kumpanija Sadeen Education Investment Limited u ser isservi biss għal skopijiet ta' spekulazzjoni;

Billi l-għaqdiet Flimkien għal Ambjent Aħjar, ir-Ramblers' Association of Malta, il-Front Ħarsien ODZ, Friends of the Earth Malta u Nature Trust Malta diġà għamlu sejħa pubblika biex il-Gvern ma jħallix li jsir żvilupp fuq l-art fiż-Żonqor u li din l-art għandha mill-ġdid issir parti mill-Park Nazzjonali tal-Inwadar;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li l-Gvern għandu jieħu dawk il-passi kollha meħtieġa sabiex l-art fiż-Żonqor fil-limiti ta' Marsaskala ma tibqax aktar f'idejn il-kumpanija Sadeen Education Investment Limited iżda għandha titħalla fl-istat naturali tagħha u terġa' ssir art pubblika li tiġi protetta u titgawda minn kulħadd u dan billi mill-ġdid issir parti mill-Park Nazzjonali tal-Inwadar.

2 ta' Jannar 20l8